MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Rikors Numru. 27/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremettiet :

Illi l-kontendenti zzewgu nhar l-10 ta' Gunju 1994;

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni redatt quddiem in-Nutar Dr Elena Farrugia datat 25 ta' Novembru 2003 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok JS1);

Illi minn dan iz-zwieg kien hemm wild wiehed S li llum ghandha sbatax-il sena;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom snin mifrudin, huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ma hemm ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-kontendenti;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artiklu 66B tal-Kodici Civili;

Talbet li  l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;
3. Tawtorizza lill-esponenti tirriverti ghal kunjom xbubitha G;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li in forza taghha jikkonferma bil-gurament :

Illi l-fatti elenkati mir-rikorrenti AB jirrizultaw kif dikjarati;

Illi llum it-tifla li twieldet fiz-zwieg ghandha l-eta taghha ta’ tmintax-il sena;

Illi huwa ma hux kontra li din il-Qorti tippronunzja l-hall ta’ zwieg bejn il-kontendenti kif ukoll li tilqa’ t-talbiet l-ohra kontenuti fir-rikors promotur tar-rikorrenti AB;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tas-7 ta’ April 2014 li permezz tieghu talbet sabiex tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha, G;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta’ Jannar 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta’ Novembru 2003 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tawtorizza lir-Rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha, G, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------